

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000125/2013

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Vladimír Remek

f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Suġġett: ITER fusion energy

Fil-21 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni rressqet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018) (COM(2011)0931).

Il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom. Il-Kummissjoni ssostitwiet it-test preċedenti permezz tal-proposta tagħha tat-28 ta' Awwissu 2013 (COM(2013)0607) għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E). Il-bażi legali għal din il-proposta l-ġdida hija l-Artikolu 47 tal-Euratom.

1. Jekk ikun hemm spejjeż addizzjonali għall-F4E li jkunu jeċċedu l-kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 2 707 miljun (prezzijiet tal-2011), kif miftiehem mill-Kunsill taħt il-Programm Supplimentari ta' Riċerka u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-proġett ITER, il-Kummissjoni kif se tiżgura li l-ispiża aktar milli ppjanata mhux se jkollha impatt fuq proġetti oħrajn iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni?
2. Il-Kummissjoni ser tispjega għalfejn biddlet il-bażi legali mill-Artikolu 7 għall-Artikolu 47 tal-Euratom?
3. Fl-ittra tagħha tal-21 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-Kunsill jikkonsulta lill-Parlament dwar il-proposta COM(2011)0931. Għalfejn ma ntbagħtitx talba simili fir-rigward ta' COM(2013)0607?

Imressqa: 5.11.2013

Mgħoddija: 7.11.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 14.11.2013